



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13184/22
PV CONS 57
ECOFIN 960

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

4 ta' Ottubru 2022

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġiżlattiva	
b)	Lista leġiżlattiva	3

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Regolament dwar il-kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.....	5
4.	Affarijiet oħra	6
	Proposti leġiżlattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji	

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5.	Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna	6
6.	Prezzijiet għoljin tal-enerġija u swieq finanzjarji: Sitwazzjoni attwali	6
7.	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa	6
a)	Rapport ta' rieżami dwar l-implementazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	
b)	Deċiżjonijiet ta' implementazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	
8.	Tħejjija tal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-12 u t-13 ta' Ottubru 2022 u l-laqgħat annwali tal-FMI: Termin ta' Referenza u dikjarazzjoni tal-UE għall-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC)	6
9.	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Sharm El-Sheikh fis-6-18 ta' Novembru 2022	6
10.	Ir-rwol fiskali u mhux fiskali tad-dwana tal-UE	7
11.	Affarijiet oħra	7
	L-istatus tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji	
	ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	8

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 12814/22.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

12816/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkti fid-dokument 12816/22 inkluż id-dokumenti COR u REV ipreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Atti Delegati jew ta' Implementazzjoni

Sahħha

9. Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) tad-29.6.2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna
Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.09.2022

12560/1/22 REV 1
+ 12560/22 ADD 1
10815/22
+ COR 1 (lt)
SAN

b) Lista leġiżlattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

12817/22

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Regolament Daisy Chain**



12617/22
PE-CONS 23/22
EF

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-28.09.2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Suq Intern u Industrija

2. **Regolament dwar suq intern għas-servizzi diġitali (Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE** **Adozzjoni tal-att leġiżlattiv** **approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.09.2022** **12624/22**
+ ADD 1-2
PE-CONS 30/22
COMPET

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Impieggi u Politika Soċjali

3. **Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea** **Adozzjoni tal-att leġiżlattiv** **approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.09.2022** **12616/22**
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 28/22
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-Danimarka u l-Iżvejja jivvotaw kontra u l-Ungerija tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: L-Artikolu 153(2), flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Trasport

4. **Direttiva dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni)** **Adozzjoni tal-att leġiżlattiv** **approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-28.09.2022** **12630/22**
PE-CONS 22/22
CODIF
TRANS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

5. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO)**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.09.2022

①C 12620/22
PE-CONS 34/22
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

6. **Regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbi fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007**

①C 12618/1/22 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 36/22
PECHE

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.09.2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlatti

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar il-kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza**
Approċċi ġenerali

①C 12662/2/22 REV 2

Il-Kunsill adotta approċċi ġenerali rigward ir-Regolament dwar il-kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

4.	Affarijiet oħra Proposti leġiżlattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	12320/22
	Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar is-sitwazzjoni tal-proposti leġiżlattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji.	
<u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>		
5.	Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna <i>Skambju ta' fehmiet</i>	
6.	Prezzijiet għoljin tal-enerġija u swieq finanzjarji: Sitwazzjoni attwali <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet</i>	
7.	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa <ul style="list-style-type: none"> a) Rapport ta' rieżami dwar l-implementazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet</i> b) Deċiżjonijiet ta' implementazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <i>Adozzjoni</i> 	C 12275/22 + ADD 1 (*)
8.	Tħejjija tal-laqgħha tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-12 u t-13 ta' Ottubru 2022 u l-laqgħat annwali tal-FMI: Termini ta' Referenza u dikjarazzjoni tal-UE għall-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC) <i>Approvazzjoni</i>	12367/22 12368/22
9.	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Sharm El-Sheikh fis-6-18 ta' Novembru 2022 <i>Approvazzjoni</i>	12478/22 + ADD 1

10. Ir-rwol fiskali u mhux fiskali tad-dwana tal-UE 12527/22
Skambju ta'fehmiet
11. Affarijiet oħra
L-istatus tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi
finanzjarji
Informazzjoni mill-Kummissjoni

-
- L-ewwel qari
- C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- (*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 12814/22

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament dwar il-kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Bil-qbil tiegħu dwar l-approċċ ġenerali propost illum mill-Presidenza dwar il-proposta REPowerEU, il-Kunsill jixtieq jirrimarka li l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni u s-sorsi ta' finanzjament previsti f'din il-proposta ma jikkostitwixx preċedent għal diskussionijiet futuri tal-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi oħra f'dawn il-kwistjonijiet."

DIKJARAZZJONI MILL- KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni se taħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fuq miżuri temporanji eċċezzjonali mmirati skont il-qafas tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 fil-kuntest tal-intervent ta' emerġenza tal-UE biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għaljin tal-enerġija."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 12817/22

Dwar il-punt "A" nru 2: **Regolament dwar suq intern għas-servizzi digħi (Att dwar is-Servizzi Digideli) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL- KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-kompetittività, l-innovazzjoni u l-investiment fis-servizzi diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u n-negozji ġodda. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni hija impenjata li tiffaċilita l-konformità mal-Att dwar is-Servizzi Digideli mill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u n-negozji ġodda, b'mod partikolari permezz tal-mobilizzazzjoni tal-programmi rilevanti favur l-innovazzjoni, l-implementazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u l-istandardizzazzjoni."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tappoġġa t-test finali bil-ħsieb li jiġi ffinalizzat l-Att dwar is-Servizzi Digideli sabiex jiġu aġġornati r-regoli orizzontali li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi diġitali. Aħna nemmnu li l-Att dwar is-Servizzi Digideli finali huwa essenzjali sabiex l-ambjent online jsir aktar sikur, prevedibbli u affidabbli, u barra minn hekk nilqgħu l-emendi ewlenin li saru matul it-trilogo, bħall-protezzjoni tal-minuri kif ukoll il-prevenzjoni ta' dark patterns.

Madankollu, nesprimu d-dispjaċir qawwi tagħna li r-Regolament ma jistabbilixx aktar responsabbiltajiet għall-fornituri ta' postijiet tas-suq online fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti. Fil-fehma tagħna, ir-responsabbiltajiet stabiliti fir-Regolament ma jirriflettux ir-rwol ewlieni li għandhom il-postijiet tas-suq online fid-distribuzzjoni tal-prodotti. Pereżempju, hija problema li ġadd fl-Unjoni Ewropea ma jista' jinżamm responsabbli f'każijiet fejn il-postijiet tas-suq online jagħmluha possibbli li l-kummerċjanti jbigħu l-prodotti u s-servizzi tagħhom minn pajjiżi terzi direttament lill-konsumaturi Ewropej. Rajna diversi każijiet fejn il-konsumaturi Ewropej spiċċaw bi prodotti perikolużi u illegali. Minkejja li l-postijiet tas-suq online għandhom obbligi biex jivvalutaw l-informazzjoni pprovduta mill-kummerċjanti u biex iwettqu verifikasi għal għarrida fir-rigward ta' prodotti illegali, b'mod ġenerali t-test finali jżomm approċċ reattiv li jagħmel ħsara mhux biss lill-protezzjoni tal-konsumaturi, iżda wkoll lill-kompetittività tan-negozji Ewropej. F'dan ir-rigward, konna qed nittamaw għal Regolament aktar ambizzjuż, pereżempju billi jiġi żgurat li dejjem ikun hemm parti fl-UE li tkun responsabbli għall-prodotti li jidħlu fis-suq Ewropew.

Peress li għadna nħossu l-bżonn ta' approċċ aktar ambizzjuż dwar din il-kwistjoni sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-konsumaturi, ser inkomplu naħdmu fuq din l-aġenda importanti fi ħdan leġiżlazzjoni rilevanti oħra, fosthom in-negożjati tat-trilogo tar-Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa l-objettiv ta' pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

L-Awstrija ttendi li l-liġi primarja, id-diviżjoni tal-kompetenzi bbażata fuq it-Trattat bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, iridu jiġu rispettati bis-sħiħ. Mudelli differenti tas-suq tax-xogħol, l-awtonomija sħiħa tas-sħab soċjali u sistemi ta' negozjar kollettiv stabiliti sew għandhom jiġu ppreservati.

L-Awstrija tissottolinja li, skont l-Artikolu 153(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura u l-limiti tal-kompetenza tal-Unjoni f'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea ma tistax tintervjeni direttament fil-livell tal-paga, sabiex ma taffettwx il-kompetenza tal-Istati Membri u l-awtonomija tas-sħab soċjali f'dan il-qasam. Għalhekk, teżisti biss bażi legali għal Direttiva li toħloq qafas proċedurali, li ma tistax tobbliga lill-Istati Membri jagħtu aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima għall-ħaddiem kollha.

Fil-kuntest tal-analiżi li tinsab fl-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill, l-Awstrija tenfasizza l-mudell tagħha għad-d-determinazzjoni tal-pagi, li huwa bbażat biss fuq ftehimiet ta' negozjar kollettiv. L-Awstrija hija tal-fehma li d-Direttiva proposta ma għandhiex l-intenzjoni li tbiddel jew timmina s-sistema Awstrijaka tal-iffissar tal-pagi, u li mhijiex ser taffettwa lill-Istati Membri li għandhom sistemi ta' negozjar kollettiv li jaħdmu sew.

Għal dawk ir-raġunijiet, l-Awstrija tinterpreta t-test kif ġej:

- Id-Direttiva proposta ma tagħtix drittijiet individwali lill-ħaddiem;
- L-obbligi dwar l-adegwatezza li jirriżultaw mid-Direttiva huma limitati għall-pagi minimi statutorji;
- Skont id-Direttiva, il-pagi nnegozjati mis-sħab soċjali dejjem jitqiesu li huma adegwati;
- Id-Direttiva tippermetti iż-żda ma tobbligax lill-Istati Membri jintroduċu pagi minimi statutorji;
- Id-Direttiva tippermetti iż-żda ma tobbligax lill-Istati Membri jintroduċu ftehimiet kollettivi foqsma li fihom is-sħab soċjali ma jkunux qablu dwar ftehim ta' negozjar kollettiv."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu marbutin mad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni ta' "ġeneru" li mhumiex kompatibbli mal-principi bażiċi tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użata fil-Kostituzzjoni tista', fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, tintiehem fis-sens bijoloġiku biss tagħha (irġiel u nisa).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-kwistjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija mhijiex kontra l-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva dwar pagi minimi; madankollu, skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmijin hawn fuq, hija tiddikjara li, fir-rigward tar-referenza għal "data diżaggregata skont il-ġeneru" fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva, ir-Repubblika tal-Bulgarija ser tiġbor u tipprovdi data diżaggregata skont is-sess (maskil/femminil) biss."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Is-sħab soċjali huma responsabbi għall-iffissar tal-pagi fid-Danimarka u huwa essenzjali li tinżamm l-awtonomija tas-sħab soċjali f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, id-Danimarka, bħala kwistjoni ta' prinċipju, hija kontra l-introduzzjoni ta' kwalunkwe regolament vinkolanti fil-livell tal-UE dwar il-paga minima. Konsegwentement, id-Danimarka opponiet b'mod konsistenti d-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

Napprezzaw l-isforzi biex jiġi akkomodat it-tħassib li sar mill-Presidenzi involuti fin-negozjati tad-Direttiva fil-Kunsill. Madankollu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, id-Danimarka ma tistax tappoġġa d-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

Id-Danimarka taqbel bis-sħiħ li l-ħaddiema kollha fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja deċenti għall-paga tagħhom meta jaħdmu full-time. Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha ssir b'rispett għall-fatt li l-iffissar tal-pagi huwa kompetenza nazzjonali u b'rispett għall-awtonomija tas-sħab soċjali."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Il-Gvern Uneriż huwa impenjat li jiżgura funzjonament xieraq u effiċjenti tas-sistema nazzjonali tal-iffissar tal-pagi minimi. Mill-2010 'l hawn, il-paga minima Uneriża żdiedet b'aktar mid-doppju u ġiet iffissata wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Dan il-fatt, fost oħrajn, juri b'mod ċar l-impenn sod tal-gvern li jgħolli l-istandardi tal-għajxien għal kulħadd. Bħala riżultat ta' ftehim iffirmat mill-Gvern u s-ħab soċjali, il-paga minima nazzjonali fl-Uneriża kompliet tiżdied b'20 % mill-1 ta' Jannar 2022, li kienet l-ogħla rata ta' żvilupp fl-UE.

L-Ungerija tfakkar li r-regolamentazzjoni tal-pagi, inkluż id-determinazzjoni tal-pagi minimi, taqa' b'mod ġar taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri kif minqux fl-Artikolu 153(5) TFUE u hija għodda essenzjali tal-politika ekonomika nazzjonali.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala li jirreferi għas-sess u, għalda qstant, ir-referenza għal "data desegregata skont il-ġeneru" fl-Artikolu 10(2) tat-test tad-direttiva bħala data diżaggħegħata skont is-sess (nisa u rġiel)."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka, f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-espressjoni "differenza bejn il-ġeneri fil-pagi" bħala differenzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punt "A" nru 6:

**Regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni
applikabbi fiziż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-
Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill
(KE) Nru 520/2007
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv**

DIKJARAZZJONI MILL- KUMMISSJONI

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kemm-il darba saħqu fuq il-ħtieġa li jkompli jittejjeb il-proċess ta' implementazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), b'mod partikolari li dan isir fil-ħin.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-tentattiv tagħha għal simplifikazzjoni tal-proċess ta' implementazzjoni ma ntlaqax għalkollox min-naħħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni se tissokta ħidmietha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex ikompli jittejjeb il-proċess ta' implementazzjoni."